IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 54**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 10 ta' Mejju 2016 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christian Azzopardi | Ambaxxatur |

0.01 **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa *item* nru 4 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti rendikont finanzjarju. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.** Bdil fl-ordni tal-aġenda

**4.00 *Quarterly Financial Statements* (Jannar- Marzu)**

4.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' Jannar – Marzu 2016. *Quarterly Financial Statements* (Jannar- Marzu)

4.02 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekonda din il-proposta l-Kunsilier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.


8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

## 1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 52

| | | |
|---|---|---|
| 1.01 | Il-minuti tas-seduta numru G52 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 52 |

## 2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 52

Punti li joħorġu mill-Minuti G 52

| | | |
|---|---|---|
| 2.01 | 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-tweġiba mill-avukat tal-Kunsill kienet saret. Hija qalet li l-*Ombudsman* fit-tweġiba tiegħu qal li kien qed jikkonsidra li jgħaddi r-rapport lill-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għall-konsiderazzjoni tiegħu. | Ilment quddiem l-*Ombudsman* |
| 2.02 | 8.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-*bring-in-sites* kienu tneħħew. | *Bring-in-sites* ta' Misraħ il-Forok |
| 2.03 | 10.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li peress li Triq tal-Virtù diġà għandha isem mhux possibbli li parti minnha tissema' għall-Kanonku Dekan Carmelo Cefai. | Talba sabiex tissema' triq għal Kanonku Dekan Carmelo Cefai |
| 2.04 | 10.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-talba lil 'Transport Malta' sabiex isiru aktar tabelli li jindikaw id-devjazzjoni tat-traffiku għall-Baħrija kienet saret. | Talba għal aktar tabelli dwar id-devjazzjoni tat-traffiku għall-Baħrija |
| 2.05 | 10.06 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ilment kien ġie mgħoddi lid-Direttorat tat-Trasport Pubbliku. | Ilment dwar karozzi tal-linja |

## 3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

| | | |
|---|---|---|
| 3.01 | Is-Sindku ġab għal attenzjoni korrispondenza numru **50/0445/16** dwar Sotto Kumitat tal-Isport fi ħdan ir-Reġjun Tramuntana. Is-Sindku ppropona li l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi jkun ir-rappreżentant tal-Kunsill f'dan is-sotto kumitat bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Isports. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. | Rappreżentanza tal-Kunsill fis-sotto kumitat tal-isport tar-Reġjun tat-Tramuntana |
| 3.02 | Is-Sindku qal li hemm diversi toroq li għandhom bżonn manutenzjoni, għaldaqstant huwa ppropona li jsir b' €5,500 *patching*. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Manutenzjoni ta' diversi toroq |
| 3.03 | Is-Sindku qal li hemm diversi trejqiet fil-kampanja li għandhom bżonn manutenzjoni, għaldaqstant huwa ppropona li jsir bi €3,000 konkos. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Manutenzjoni ta' trejqiet fil-kampanja |
| 3.04 | Is-Sindku ppropona li jinxtraw 10 mirijiet tat-traffiku. Issekondat din il-proposta il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament bil-kundizzjoni li dawn il-mirjiet jitwaħħlu f'toroq pubbliċi għall-użu tal-pubbliku inġenerali u mhux għal persuni individwali. | Xiri ta' mirjiet tat-traffiku |

**5.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

5.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 257 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 257

**6.00 Tiġdid tal-offerta għall-Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Rabat) – RLC/T/146/15**

6.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/146/15 għal servizz ta' qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Rabat) u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għall-Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Rabat) – RLC/T/146/15

**7.00 Tiġdid tal-offerta għall-Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija) – RLC/T/145/15**

7.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/143/14 għal servizz ta' qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija) u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għall-Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija) – RLC/T/145/15

**8.00 Ħruġ tal-kwotazzjoni għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-Baħrija**

8.01 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-kwotazzjoni, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat.

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-sevizz ta' tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fil-Baħrija. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-kwotazzjoni għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-Baħrija

**9.00 Korrispondenza**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għal attenzjoni tal-Kunsill Cirkolari 01/2016 mibgħuta mis-Segretarjat Parlamentari għall-Presidenza UE 2017 u għall-Fondi Ewropej dwar 'Obbligu ta' Wara l-Proġett – Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-2013.

Ċirkolari 01/2016 Segretarjat Parlamentari għall-Presidenza UE 2017 u għall-Fondi Ewropej

9.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0442/16,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-sid tal-*Le Vin Wine Bar* sabiex ikun jista' jħawwel xi fjuri fil-konok li għandu quddiem l-istabbiliment tiegħu. Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Talba mingħand is-sid tal-*Le Vin Wine Bar*

9.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0375/16,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini U San Pawl AD 1963, dwar l-attività li ser tittella' minnhom, *Napule*. Talba Kumitat Festi Esterni Corpus Domini U San Pawl AD 1963

Wara diskussjoni li saret il-Kunsillier Ian Vasallo ppropona li l-attività tittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u dan billi l-Kunsill jassigura li tinżamm l-indafa fil-lokalità tul il-jiem tal-attività. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Intalab li jittieħed vot fuq din il-proposta. Il-vot għaddha b'seba' voti favur u żewġ astenzjonijiet.

Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li l-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini U San Pawl AD 1963 għandu jingħata wkoll in-*No Objection* sabiex Triq il-Kbira tingħalaq bil-*bollards* fil-jiem tal-attività bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

- li l-ispiża għal dawn il-*bollards* u l-installazzjoni ssir għas-spejjeż tal-Kumitat.
- li l-Kunsill jiġi avżat meta jkunu ser jitwettqu tali xogħlijiet fit-triq.
- li l-Kumitat javża lill-ħwienet u lir-residenti taż-żona bil-ġranet tal-għeluq tat-triq
- li fil-jiem tal-attività l-*bollards* iridu jinfetħu mill-Kumitat sabiex il-kuntrattur tal-Kunsill ikun jista' jagħmel it-tindif meħtieġ.
- li kopja taċ-ċwievet ta' dawn il-*bollards* tiġi mgħoddija kemm lill-Kunsill kif ukoll l-għassa tal-pulizija.

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0433/16** is-Sindku informa l-laqgħa li għal sena oħra l-kumpanija TCTC kienet qiegħda torganizza flimkien mal-Kunsilli Lokali korsijiet tal-kompjuter għat-tfal bl-isem '4KIDS', għall-prezz ta' €1150. Is-Sindku ppropona li bħal kull sena l-Kunsill għandu joffri dawn il-korsijiet lit-tfal Rabtin. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. Korsijiet tal-komputer '4KIDS'

## 10.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduti numru B20 u B21

10.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija B20 u B21 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Baħrija – Seduti numru B20 u B 21

## 11.00 Materji Oħra

11.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li fi Triq Misraħ Suffara k/m Triq Għar Barka hemm trinka li tħalliet miftuħa mill-kumpanija Go u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Trinka miftuħa Triq Misraħ Suffara k/m Triq Għar Barka

11.02 Il-Kunsillier Rudolf Grima qal li hemm bżonn li jinżabru s-siġar li hemm int u tiela' t-Telgħa tas-Saqqajja. Żbir ta' siġar fit-Telgħa tas-Saqqajja

** Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li jiġi skużat fid-8.50 ta' filgħaxija.

11.03 Il-Kunsillier Rudolf Grima qal li kien ircieva diversi lmenti dwar il-bżonn ta' rampa għall-użu taċ-Ċentru Ċiviku. — Ilmenti dwar rampa għall-użu taċ-Ċentru Ċiviku

11.04 Il-Kunsillier Stephen Borg ppropona li tintbagħat ċirkulari lir-residenti tal-Baħrija dwar il-ġranet u l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart domestiku. Huwa qal li diversi residenti kienu qed joħorġu l-iskart qabel jew wara l-ħin tal-ġbir. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta u ppropona li din iċ-ċirkulari tintbagħat lir-residenti kollha tar-Rabat. Il-Kunsill qabel unanimament. — Ċirkolari dwar il-ġranet u l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart domestiku

11.05 Il-Kunsillier Stephen Borg ppropona li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Louis Azzopardi l-awtur tal-ktieb 'The Rabat Ajax Football Club Story' tal-għotja ta' kotba li ppreżenta lill-Kunsilliera. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — Ghotja ta' kotba 'The Rabat Ajax Football Club Story'

11.06 Il-Kunsillier Nazju Cassar ppropona li jinġabru l-istimi sabiex issir bankina Triq Santa Katarina ħdejn il-bring-in-sites u bankina oħra Triq San Ġwann l-Għammied. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — Bankina Triq Santa Katarina u bankina Triq San Ġwann l-Għammied

11.07 Il-Kunsillier Paul Grech ppropona li tiġi installata bozza ġdida milli l-Kunsill għandu fuq il-*waiting list,* fiż-żona ta' Binġemma. Is-Sindku Charles Azzopardi issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — Installazzjoni ta' bozza ġdida

**12.00 Data tas-seduta li jmiss**

12.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija. — Data tas-seduta li jmiss

12.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.12 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**